**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**vs**

**Charlon Privitelli**

**Illum, 23 t'Ottubru 2024**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Charlon Privitelli ta' 73 sena, bin Guzeppi u Guzeppa nee' Ciantar, mwieled Vittoriosa nhar is-6 ta' Awwissu 1948, residenti 12, Charit, Misrah Buleben, Tarxien, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 670448M;**

Akkuzat talli:

1. Nhar il-24 ta' Jannar 2022, ghall-habta ta' bejn il-erbgha ta' filghaxija (16:00hrs) u s-sebgha ta' filghaxija (19:00hrs), gewwa Ta' Qali limiti ta' H'Attard, ghamel resiztenza jew b'hebb ta' xorta li ma titquesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC793 Samuel Muscat, persuna nkarigata skont il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi fl-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' Ordni mghotija skont il-Ligi mill-Awtorita' kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS1194 Christopher Debrincat u PC793 Samuel Muscat, it-tnejn persuni nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu qeghdin jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuq PS1194 Christopher Debrincat u PC793 Samuel Muscat kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe', offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC793 Samuel Muscat, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma' giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volunta tieghu;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas minn li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PS1194 Christopher Debrincat u PC793 Samuel Muscar, it-tnejn ufficjal pubblici waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jaqdu, jew fixkel jew indahal lil imsemmija ufficjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrifjuta li jaghti jew ta l-partikularitajiet tieghu folox jew mhux sew lil PS1194 Christopher Debrincat u PC793 Samuel Muscat, it-tnejn ufficjali pubblici inkarigati minn servizz pubbliku meta dawn talbuwhomli waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgiba tieghu, ikkaguna lil Carmen Pace u Abigail Grech biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghhom;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi insulentajt, heddedt jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Carmen Pace;

8. U finaliment talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll li sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, minn barra li tinfliggi l-piena stabillita skond il-ligi joghgoba tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija PS1194 Christopher Debrincat u PC793 Samuel Muscat, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familjari taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' trazzin favur PS1194 Christopher Debrincat u PC793 Samuel Muscat u l-familjari taghhom, u dan skont l-Artikolu 328A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll li sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Carmen Pace u Abigail Grech, jew ghaz-zamma tal-ordni

pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaghuna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni favur Carmen Pace u Abigail Grech u l-familjari taghhom, u dan skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija minn barra li tinfliggi l-piena stabillita skond il-ligi joghgoba tohrog ordni ta' trattament, u dan skont l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu meta gie imressaq b'arrest quddiem il-Qorti.[1]

Rat ukoll tal-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[2].

Hadet nota tal-istqarrija tal-imputat prezentata in atti a folio 28-30 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet tas-17 ta' Lulju 2024.

[1] Folio 4 tal-process.

[2] Folio 4 tal-process.

Rat illi l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda incident li allegatament qala' l-imputat mal-pulizija nhar l-24 ta' Jannar 2022 meta zewg ufficjali tal-pulizija intervenew waqt incident li nqala' meta l-imputat kien hdejn l-Ambaxxata Amerikana f'Ta' Qali, limiti ta' H'Attard, Malta u beda jiggieled ma' nies familjari mieghu.

Qed jigi allegat li l-imputat hedded lill-ufficjali tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dimirijiethom, fixkilhom f'xogholhom u irrifjuta li jaghtihom id-dettalji tieghu fost l-ohrajn.

L-imputat qed jigi akkuzat ukoll li bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Carmen Pace u Abigail Grech biza' li ha tintuza vjolenza kontrihom jew kontra familjari taghhom jew propjeta' taghhom.

Hu jinnega dan kollu ghalkedmm fl-ahhar seduta hu ammetta l-akkuza numru erbgha (4) fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

Xehed l-i**Spettur Andrew Agius** nhar it-13 ta' Lulju 2022 fejn qal kif gie infurmat bil-fatti odjerni. Jispjega li l-imputat gie arrestat wara li allegatament kellu kwistjoni serja ma' PS 1194 Christopher Debrincat u PC 793 Samuel Muscat hdejn l-Ambaxxata Amerikana, f'Ta' Qali,

H'Attard. Hu esebixxa l-istqarrija li irrilaxxa l-imputat wara li gie imwissi skond il-ligi.

Kontro-ezaminat jikkonferma li l-imputat huwa persuna anzjana u li huwa ilmenta mieghu li gie man handed. Jiftakar li kien ilmenta mieghu li kien wegga' pero' ma jiftakarx li kien qallu li jiehu l-kura tad-dialysis. Jaqbel li kien argument verbali ma' terzi li skatta l-intervent tal-pulizija. Jaqbel li l-pulizija immanetjawh. Jirrizultalu ukoll li l-imputat huwa ex-correctional officer. Jghid li qabel ma' wasal l-ewwel pulizija kienu tlieta minn nies.[3]

Xehed **PC 793 Samuel Muscat** nhar it-13 ta' Lulju 2022 fejn spjega li hu kien dettaljat fixed-point mal-Ambaxxata Amerikana gewwa Ta' Qali u kien kwazi spicca d-duty tieghu meta sema' xi ghajjat mill-vicin u hu mar jistharreg. Malli wasal fil-parking sab **vettura b'zewg persuni feminili maghluqin fiha.** Ra persuna maskili fuq barra tal-vettura fin-naha tax-xufier jghajjat maghhom. Hu ipprova jikkalma lir-ragel u identifika ruhu u r-ragel mill-ewwel kien aggressiv mieghu. **Beda jghajjat u qallu mhux affari tieghek.[4] Hu baqa' jkun pastas, kien arroganti. F'hin minnhom gie wicc imb'wicc mieghu u ipprova jimbuttah. Talbu l-particulars u ma riedx jaghtiohmlu. Beda jinsisti li l-Pulizija jehodhom mill-vettura. Iz-zewg nisa kienu maghluqin b'vettura ohra u ma setghux jirriversjaw. Beda jghajjru pulcinell, injorant, ma jifhimx u ma jindahalx. Wasal PS 1194 u ipprova jikkalmah ukoll pero' l-imputat ma riedx jaf. Meta pprova jitlaq minn fuq il-post hu ibblukkah u kien dak il-hin li l-imputat ipprova jigdimlu l-id il-leminija.[5] F' dak il-hin arrestawh u tawh id-drittijiet tieghu. Hu beda**

[3] Folio 21 tal-process.

[4] Folio 32 tal-process.

[5] Folio 33 tal-process.

**jheddidhom li kien ser jirrapurtahom lill-Prim Ministru, Ministru etc. Jghid li l-imputat qallu li ser iqattghu. Jghid illi hu uza il-voice recording biex ikun xhud tal-argument u dan ghamlu bil-mobile tieghu.**

Xehed **PS 1194 Christopher Debrincat** fejn spjega li hu kien xoghol mal-Ambaxxata Amerikana f'Ta' Qali, H'Attard nhar l-24 ta' Jannar 2022 u kien ghadu kif wasal biex ibiddel l-kollega tieghu PC 793. Dan ta' l-ahhar u persuna maskili iehor ghamlulu sinjal u hu avvicinahom.[6] L-imputat kien qed jikkustinja mal-pulizija. Hu dawwar il-vettura tieghu u dahal gol-parkegg u nizel mill-vettura. L-imputat beda jghid tindahlux u li hadd ma baghat ghalihom u li kellu kswistjoni familjari. L-imputat beda jinsulta lill-kollega tieghu u l-argument beda jeskala. Beda jheddidhom li ser ikunu trasferiti, bil-Prim Ministru, Ministri. **Hu ma riedx jaghtihom id-dettalji tieghu u qalilhom biex jekk iridu jehduhom minn fuq in-number plate. L-imputat fetah il-bieba tal-vettura tieghu biex jitlaq u l-kollega tieghu inpedih milli jaghmel dan. L-imputat pprova jimbuttah u sahansitra jigdmu n-naha tal-lemin tieghu ta' spalltu biex jaghti is-salt. Huma arrestawh u waslu l-pulizija tad-distrett.**

Xehed **PS 1037 Saviour Mifsud** fejn qal li hu kien xoghol l-ghassa ta' Birkirkara u ssejjah biex jassisti lil PC 793 u PS 1194. Jghid li gie spjegat lilu l-incident u peress li l-imputat kien arrestat rega' tah l-ittra tad-drittijiet tieghu. Hu ezebixxa r-rapport tieghu.[7]

---

[6] Folio 36 tal-process.

[7] Folio 39 tal-process.

Xehdet **PC 2174 Silvana Bellia** li bazikament spjegat li hija kienet ma' PS 1037 Mifsud meta marru Ta' Qali u hadu lill-imputat f'idejhom.[8]

Xehed **PC 1027 Simon Micallef** li ukoll bazikament spjega li huwa kien ma' PS 1037 Mifsud meta marru Ta' Qali u hadu lill-imputat f'idejhom.[9]

Xehed **PC 2443 Cameron Pisani** u ikkonferma li hu kien prezenti waqt l-istqarrija tal-imputat.[10]

Xehdet **Carmen Pace** nhar it-22 ta' Frar 2023 u ikkonfermat l-incident tal-24 ta' Jannar 2022 f'Ta' Qali. Tghid li hija u bintha Abigail Zammit kienu fthemu mal-imputat biex imorru jaghtuh xi affarijiet. L-imputat gie ma' binha. Tghid li inqaghlet il-kwistjoni fuq flus u chocker. Tghid li beda jghajjarha, isabbat mat-tieqa tal-karrozza. L-imputat ghajjat lit-tifel taghha biex jinzel mill-karrozza u gie l-pulizija. **L-imputat beda jghid lill-pulizija biex jitlaq. Il-pulizija qallu li ma kienx ser jitlaq ghax hemm zewg nisa imwerwrin. Hija hassitha imreghda.[11]** Il-pulizija beda jitolbu l-Karta tal-Identita u hu l-imputat ma riedx jaghtihielu. Semghat lill-pulizija jghid lill-imputat "ha tigdimni ukoll".

Kontro-ezaminata tghid li hija ma kinitx thossha li qieghda f'relazzjoni mal-imputat ghal 14- il sena. Taqbel li lil bintha l-imputat taha rigal sostanzjali ghat-tieg u li hija kienet izzommlu l-flus ghandha. Taqbel li kien diehel u hiereg ghandha. Taqbel li binha jafu sew u li dakinhar gie mieghu. Tghid li kellha ghandha cocker u xi erba' t'elef Ewro. Tghid li

[8] Folio 541 tal-process.

[9] Folio 53 tal-process.

[10] Folio 55 tal-process.

[11] Folio 62 tal-process.

kien ta' xi tmien mitt Ewro (€800) ghat-tifla. Tghid li Ta' Qali taghtu kollox inkluz il-cuckoo clock.

Xehdet **Abigail Zammit** u ikkonfermat li hija u ommha kienu mifthemin mal-imputat biex jghaddulu xi flus u oggetti.[12] Meta waslu huwa beda jghajjat, jghajjar u jinsulenta lil ommha u jghidilhom biex johorgu mill-vettura. **Hija kellha tgholli t-tieqa u hu beda jhabbat u jghidilhom biex jinzlu. Huma bdew jghidulu biex jersaq ha jitilqu u kien hemm li gie l-pulizija. L-imputat kien irrabjat hafna.** Tghid li kienu lesti li jaghtuh l-affarijiet. Hu ma kienx accetta li jiltaqghu fejn l-ghassa. Tiftakar li qalilha mahmuga nittiena, qahba etc. Tghid li hija sakkret il-karozza u bdiet tirringrazzja lil Alla li ma kienx hemm it-tifla maghha. **Tghid li sakkarha bil-karozza u hargu zewg irgiel jghajtu kemm jifilhu.**

Kontro-ezaminata tghid li anki huha li kien mal-imputat hareg jghajjat ukoll. Jismu Darren Grech. Tghid li huha gie mal-imputat. Tghid li huha ma tkellimx mal-pulizija. Tikkonferma li lill-imputat kellhom jaghtuh xi flus u deheb. Tghid li dawn kienu ghand ommha. Tghid li l-imputat taha elfejn ewro (€2,000) biex thallas il-kamra tas-sodda. Tghid li ma talabhomx lura l-flus taghha.

Xehed **Darren Grech** li jghid li l-imputat kellu argument ma' ommu u ohtu u bdew jillitigaw maghhom. Jghid li l-flus huma tawhomlu lill-imputat u qalilha li messha tisthi li wara 17-il sena marret ma' ragel iehor.[13] Tghid li huma kienu sejrin u ohtu ghajret lill-imputat traditur. Imbaghad gie l-pulizija. Jghid li ma kienx hemm hafna ghajjat.

---

[12] Folio 67 tal-process.

[13] Folio 73 tal-process.

Kontro-ezaminat jghid li ommu u l-imputat kienu ilhom 17- il sena f' relazzjoni u dak in-nhar hu kien imwegga'. Jghid li jahseb li r-relazzjoni kienet ilha li spiccat ftit qabel. Jghid li l-imputat kellu jigbor xi flus u chocker. Lilu kien tah xi flus u ma talabhomx lura.

Xehed **Charlon Privitelli** wara li gie imwissi skond il-ligi. Jghid li kien ilu jaf lil Carmen Pace 20 sena u kien ilu f'relazzjoni maghha 17- il sena.[14] Jghid li hu mizzewweg pero' mhux lil Pace. Jghid li sar jafha fuq ix-xoghol li kellu part-time. Kien qisu mizzewweg maghha. Kien jissapportjaha finanzjarjament ukoll minhabba li kellha t-tfal zghar. Jghid li Pace traditu u kienet ukoll ma' haddiehor u bhal pika ried l-affarijiet lura. Jghid li dak in-nhar inaghataw xi affarijiet imma hu gie arrestat u allura inghataw lit-tifel taghha. Jghid li huma fthemu li jiltaqghu Ta' Qali u hu ha lil Darren Grech bhala xhud. Jghid li hu kellu relazzjoni tajba mat-tifla ta' Carmen Pace u anki ghandu relazzjoni tajba ma' huha. Tghid li bintha qaltlu biex jiffirmalha karta li ha l-oggetti u l-flus u hu din hadha bi kbira. Bdew jargumentaw u gie l-pulizija u qallu li din kienet kwistjoni familjari mhux trouble. Jghid li l-pulizija beda jimbuttah. Spjega li hu ghamel 18-il sena bhala gwardjan u hadem bhala security u jghid li lilu l-pulizija stmah ta' zibel. Jghid li anki i-surgent qabdu minn sidru u mbuttah. Jghid li hadha bi kbira ghal mod kif stmawh. Jghid li jiehu trattament mediku. Jghid li qabduh minn idejh fejn jiehu it-trattament u kien imwegga' minhabba idejh. Huma ghamlulu l-manetti fuq wara. Jghid li meta gew il-pulizija tad-distrett kienu mod iehor.[15] Tad-distrett ghamlulu l-manetti minn quddiem. **Jghid li hu vera qal li ser ikellem lill-Ministru. Fil-fatt hekk ghamel, ma kinitx bluff. Jghid li jiddispjacih ghal li gara ghax hu mhux hekk. Jichad li insulenta u hedded lil Carmen Pace u lil bintha.**

[14] Folio 86 tal-process.

[15] Folio 97 tal-process.

Kontro-ezaminat jghid li lehnu jghajjat u meta talbitu biex jiffirma karta qallha trid ix-xhud u nizel huha mill-vettura li kien fiha. Jghid li dak il-hin kien qed ihossu ecitat. Jghid li dak il-hin tal-argument kien hemm kwiet taqtghu b'sikkina. Jghid li l-pulizija ma staqsieh xejn u imbuttah mill-ewwel. Ried jitlaq u l-pulizija ma halliehx. Jichad li ipprova jigdem lill-pulizija.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuza taht l-artikoli 95, 96, 221(1), 221(1) (c), 338(dd), 338(ee), 338(g), 251B, 339(1)(e ), 328, 412C, 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[16]

Il-Qorti ser l-ewwel tezamina l-ewwel zewg akkuzati numru wiehed (1) u tnejn (2) ossija dawk li jirrigwardaw l-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** ( App. Nru. 130/2002) deciz fid- 9 ta' Settembru 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per l-Onorevoli Prim Imhallef Vincent DeGaetano intqal is-segwenti fuq l-artikoli 95 u 96.

**'din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant seta jinstab hati skond it-tieni imputazzjoni, cioe` tar-reat ta' attakk u resistenza skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali. Dana l-artikolu jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-**

[16] Folio 3 tal-process.

**servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz". Ghalkemm jista' jinghad li Bianco kien inkarigat minn servizz pubbliku, din il-Qorti ma tarax kif jista' jinghad li billi jiccekkja l-biljetti Bianco kien qed "jezegwixxi l-ligi" jew jezegwixxi "ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi.'**[17]

Imbaghad fil-kawza **Il-Pulizija vs Richard Tong** (App. Nru. 252/2015) deciza mill-Qorti tal-Appell per Onorevoli Imhallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Gunju 2017 intqal:

**'Illi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:**

***"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita';***

---

[17] Pagna 3. Ara ukoll **Il-Pulizija vs John Mizzi** (App. Nru. 45/2003) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per S.T.O. Vincent DeGaetano kif ukoll **Il-Pulizija vs Abdel Hamid Zakkaria** (Kump. Nru. 76/2018) deciza mill-Qorti tal-Magistrati per. Magistrat Dottoressa Donatella Frendo Dimech.

***avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."***

**Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika. Dan qed jinghad ghaliex l-appellanti donnu qed jikkontendi fl-aggravvju minnu imressaq illi dan it-theddid kellu isehh filwaqt li l-kuntistabbli kien qed jaqdi dmirijietu jew fil-mument li kien qed jipprocedi ghall-arrest tieghu. Dawn bir-rispett huma l-elementi mehtiega fil-ligi sabiex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 u mhux ukoll l-artikolu 95 li ma jinnecessitax illi l-oltragg isir, kif inghad, fil-mument tal-qadi tal-funzjoni pubblika diment illi jigi ippruvat in-nexus bejniethom kif inghad.'[18]**

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Wayne Deguara** (App. Nru. 49/2020) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Jannar 2021 per l-Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera gie spjegat:

**Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku. Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid: "This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."**

[18] Pagna 7.

**Sahansitra f'sentenza moghtija fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg jinghad:**

**"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse o no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato".** ………………

**Fir-rigward tas-sitt akkuza naxxenti mill-Artikolu 96, iridu jissusistu tliet elementi essenzjali minkejja li ukoll il-vittma irid ikun ufficcjal pubbliku.**

**1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-Mamo jkompli jghid:**

***"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith".***

**Fin-nuqqas ta' dan jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi.**

**2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficcjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-mens rea ghal kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.**

**3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficcjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid:**

***"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."***[19]

**Ikkunsidrat:**

[19] Pagni 15 u 16.

Meta wieled izomm f'mohhu kemm l-insenjament tal-mibki Professur Sir Anthony Mamo kif ukoll il-gurisprudenza kompjuza tal-Qrati taghna, huwa ovvju li fil-kaz in ezami mill-atti jirrizultaw l-elementi formanti parti mir-rejat taht l-artikolu 95 u l-artikolu 96 kollha kemm huma.

Il-Qorti temmen li l-affarijiet graw bil-mod segwenti:

Pace u bintha waslu fuq il-post u l-imputat u bint Pace gew b'karrozza komuni. Il-Qorti ma ghandhiex dubbju li Pace u l-imputat kellhom relazzjoni intima ghal tul ta' zmien u lanqas ma tiddubita li l-imputat ghin lil Pace u uliedha ghal diversi snin u hassu tradut u mwegga' b'dak li ghamlet Pace meta bidlitu ma' ragel iehor[20]. Lanqas mal-Qorti qed tiddubita mill-imputat li hassu mwegga' meta Abigail Zammit talbitu biex jiffirma tal-oggetti li kienu ser jghaddulu. Din it-talba kompliet taggrava is-sitwazzjoni li kienet diga' bdiet teskala sewwa. Tant hu hekk li l-imputat sejjah lill-Darren Grech, iben Carmen Pace u hu Abigail Zammit bhala xhud. Dan hareg mill-vettura u mar hdejn l-imputat.

Minghajr dubbju ghamel sew l-ufficjal tal-pulizija PC 793 Samuel Muscat li mar jintervjeni fl-argument li kien inqala' ghax fejn kien qed isehh l-argument huwa sab zewg nisa imsakkrin fil-vettura u li kienu mbezzghin b'dak li kien qed jigri. L-imputat kien qed jinsulentahom u jsabbat mal-vettura. Il-kuntistabbli pprova jikkalmah u malli ra li ma riedx jisma' u anzi l-imputat qallu biex ma jindahlax, l-pulizija ipprova jallontanah mill-vettura billi imbuttah. Il-Qorti tqis li l-azzjoni tal-pulizija kienet wahda legittima. Anki meta gie PS 1194 Debrincat sab xena inkwetanti tant li hass li anki hu kellu jintervjeni wara li Darren Grech u PC Muscat

[20] Il-Qorti ma temminx lil Pace meta din tipprova tizminwixxi r-relazzjoni li kellha mal-imputat.

ghamlulu sinjal biex jigi. Darren Grech ma giex arrestat u ma jidhirx li ittiehdu xi passi kontra tieghu fil-konfront tal-pulziija. Mela isegwi li Privitelli biss kien qed jikser il-paci pubblika b'ghajjat u storbju, jinsulenta u jhedded. Kieku kien mod iehor iz-zewg ufficjali tal-pulizija kienu johorgu akkuzi kontra Darren Grech ukoll kif ukoll kienu jezercitaw l-poteri legittimi tal-arrest fil-konfront tieghu. Xi haga li ovvjament ma gratx ghax Grech kien qed igib ruhu sew maghhom u ma' qrabatu.

Il-Qorti temmen ukoll li l-imputat ma riedx jaghti d-dettalji tieghu lill-pulizija u allura mghadud mal-agir tieghu, il-fatt li pprova jitlaq minn fuq il-post ghamlu sew iz-zewg ufficjali li arrestawh[21]. **Il-Qorti lanqas ma ghandha dubbju li fl-esekuzzjoni tad-dmirijithom u wara li rrifjuta li jikkopera maghhom l-imputat ipprova jigdem lil PC 793 Samuel Muscat.**

Mill-provi in atti ma jirrizulta]x li l-imputat gie mishandled mill-pulizija. Fil-fatt lanqas hemm certifikati medici li jikkoraborraw din l-allegazzjoni.

Ghalhekk, il-Qorti temmen li l-akkuzi numru wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5) u sebgha (7) jirrizultaw b'mod mill-aktar ampju.[22] Fi kwalunkwe kaz l-akkuza numru hamsa (5) giet ammessa mill-imputat stess u dan kif verbalizzat fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2024, liema ammissjoni giet konfermata mill-imputat fis-seduta tal-lum stess, wara li l-imputat inghata zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu, u tali

[21] Ara per ezempju il-poteri ta' arrest minghajr mandat taht l-artikolu 355 X (3); 355 Y (a)(b), 355 Z fost l-ohrajn tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[22] Il-Qorti tqisx li l-fatt li l-imputat qalilhom li ser jirrapurtahom lill-xi Ministru fih inniffsu huwa xi theddid. Kulhadd ghandu dritt li jaghmel ilment fuq l-imgieba tal-pulizija. Pero' il-komportament tal-imputat in generali kien theddid.

ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata fis-seduta tal-lum stess.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti se tghaddi issa sabiex tezamina l-provi fir-rigward ta' l-akkuza li fadal u cioe l-akkuza numru sitta (6).

L-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra testwalment is-segwenti:

***251B. (1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħadd ieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn sitt elef u ħames mitt euro (€6,500) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.***

Fil-kawza Appell Kriminali Numru:11/2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Andre` Cassar,** per l-Onorevoli Imhallef David Scicluna deciza fit-12 ta' Awwissu, 2015**,** jinghad:
"Illi l-imputazzjonijiet mahruga kontra l-imputat huma dwar il-fatt li sehh fis-17 ta' Dicembru 2013 ghall-habta ta' 15:00hrs. Ghaldaqstant il-Qorti hija marbuta li tevalwa l-provi li ngiebu mill-prosekuzzjoni dakinhar li sehh l-incident u mhux provi ta' xi granet ohra.

"Illi l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-artikolu 251B tal-Kap 9 u dan minhabba l-fatt li l-Qorti ghaqdet incidenti li saru fi granet differenti minn dik tal-imputazzjoni fejn il-parti leza semmiet incident li sehh fejn il-fergha tal-bank fejn kienet tahdem u kif ukoll il-varji rapporti li saru. Wara l-incident tal-fergha tal-bank u kif ukoll wara r-rapporti li saru, l-parti leza baqghet f'relazzjoni mal-appellant.

"Illi skond l-imputazzjoni u d-data taghha hawnhekk qeghdin nitkellmu fuq incident wiehed u wiehed mill-elementi ewlenin ta' dan ir-reat huwa li jkun hemm a course of conduct u mhux sempliciment wiehed bhal ma ghandna f'dan il-kaz. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Parnis deciza fl-24 ta' April 2009 sahqet u tenniet li incident ta' darba ma jammontax ghal course of conduct, fil-fatt il-Qorti tenniet dan li gej: "'Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."

L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222

shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"

Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008 : "How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'.

"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B (1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li

effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 251B (1) tal-Kap. 9."

Fil-kawza Appell Numru: 1/2023 **Il-Pulizija Vs Guido Mizzi** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, per l-Onorevoli Imħallef Consuelo Scerri Herrera inghad:

Illi fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Raymond Spiteri tas-26 ta' Mejju 2016 citata fl-appell tal-5 t'April 2022 Appell numru 212/2021 Il-Pulizija vs. David Pace intqal "L-azzjoni tal-appellant, tista' tkun ezaminata mill-ottika tal-inkonvenjent izda certament mhix minn dik tal-fastidju li f'dan il-kaz kienet tirrikjedi prova ta' zamma ta' annimali f'tali stat li b'intenzjoni kriminuza ried johloq sitwazzjoni ta' fastidju bl-iskop li jivvessa specifikatament lill-girien u anke bi skop."

Fil-kaz hawn skrutinat jemergi illi l-azzjoni tal-appellant fiz-zamma tal-annimali tieghu qed tohloq inkonvenjent ghal diversi girien u kien jispetta lil dawk il-persuni, allura l-kwerelanti, jghidu ghaliex jahsbu li l-appellant qieghed bl-azzjoni tieghu, johloq dan il-fastidju." L-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali f'numru 35 tas-sentenza qalet illi f'dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ghaliex ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra. Fil-kaz in ezami jissemma' fix-xiehda tal-kwerelanti incident wiehed biss, cioe` l-4 ta' Novembru, 2021 li jtawwal ghall ftit minuti biss. Illi zgur illi dan l-incident wiehed ma jammontax ghall-course of conduct ghall-finijiet tal-Artikolu 251B (1). Il-Qorti

kompliet illi huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi Artikolu 251B (1) hija dik li tista' tigi maghmula fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Ghalhekk fil-fatt l-appellant David Pace gie liberat mill-imputazzjoni tar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B (1) tal-Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta.

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna deċiża fil-21 ta' Frar 2012 citata fl-appell tal-5 t'April 2022 Appell numru 212/2021 Il-Pulizija vs. David Pace intqal illi sabiex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. ……Allura li biex jissussiti r-reat in diżamina, is-suġġett attiv tar-reat irid ikun aġixxa b'mod tali li pprovoka sensazzjoni ta' biża' fis-suġġett passiv tar-reat f'iktar minn okkażjoni waħda u li tali okkażjonijiet jeħtieġ li jkunu qrib xulxin fiż-żmien. U sabiex il-Qorti tasal tifhem jekk kienx hemm course of conduct, kultant ikun jeħtieġilha wkoll tanalizza r-retroxena tal-każ sabiex tifhem kif, fid-dawl ta' dik ir-retroxxena li toħroġ mill-verżjoni tal-partijiet u minn xi provi oħra, anki inċident iżolat jistax jittieħed f'kuntest aktar wiegħsa minħabba sejre ta' ċirkostanzi li jsawru din ir-retroxena. Dan dejjem pero', irid ikun hekk rifless ukoll fil-perjodu ta' żmien indikat fiċ-ċitazzjoni b'mod tali li l-imputat ikun jaf il-partikolaritajiet taż-żmien li fih huwa jkun qiegħed jiġi akkużat li jkun wettaq tali reati u jkun għalhekk jista' jħejji sew id-difiża tiegħu.

Il-Qorti kompliet fil-kaz Il-Pulizija vs David Pace, fis-sentenza Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez deċiża fil-21 ta' Ġunju 2007 il-Qorti tal-Appell Kriminali iddefiniet 'ir-retroxena' bil-mod segwenti: "…. f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien." "Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa. B'hekk biex ikun jista' jingħad li seħħ ir-reat ta' fastidju jew meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom, jeħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, iżjed minn episodju wieħed ta' mġieba li tnissel fastidju jew biża skont il-każ, u li jkunu mifruxa fuq perjodu ta' żmien li pero dejjem irid ikun jaqa' fil-parametri taż-żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni." ………

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**[23] 2intqal is-segwenti: Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta. Allura li biex jissussisti r-reat in diżamina,

[23]2 Deċiża fil-21 ta' Frar 2012

is-suġġett attiv tar-reat irid ikun aġixxa b'mod tali li pprovoka sensazzjoni ta' biża' fis-suġġett passiv tar-reat f'iktar minn okkażjoni waħda u li tali okkażjonijiet jeħtieġ li jkunu qrib xulxin fiż-żmien. U sabiex il-Qorti tasal tifhem jekk kienx hemm course of conduct, kultant ikun jeħtieġilha wkoll tanalizza r-retroxena tal-każ sabiex tifhem kif, fid-dawl ta' dik ir-retroxxena li toħroġ mill-verżjoni tal-partijiet u minn xi provi oħra, anki inċident iżolat jistax jittieħed f'kuntest aktar wiesgħa minħabba sejre ta' ċirkostanzi li jsawru din ir-retroxena. Dan dejjem pero', irid ikun hekk rifless ukoll fil-perjodu ta' żmien indikat fiċ-ċitazzjoni b'mod tali li l-imputat ikun jaf il-partikolaritajiet taż-żmien li fih huwa jkun qiegħed jiġi akkużat li jkun wettaq tali reati u jkun għalhekk jista' jħejji sew id-difiża tiegħu.

Fis-sentenza Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez[24] il-Qorti tal-Appell Kriminali iddefiniet 'ir-retroxena' bil-mod segwenti.: Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien." Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa. B'hekk biex ikun jista' jingħad li seħħ ir-reat ta' fastidju jew meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom, jeħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, iżjed minn episodju wieħed ta' mġieba li tnissel fastidju jew biża skont il-każ, u li jkunu mifruxa perjodu ta' żmien li pero' dejjem irid ikun jaqa' fil-parametri taż-żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant għandu raġun. Il-parametri temporali tal-imputazzjonijiet huma ċirkoskritti b'data, ħin u lok li huma speċifiċi ħafna.

[24] Deċiża 21 ta' Ġunju 2007

Din il-Qorti taqbel ma' dak deċiż fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Raymond Parnis[25] fir-rigward ta' dak li tfisser il-frażi course of conduct fejn intqal is-segwenti: - Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat flArtikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat millArtikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fissubartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008: 'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as

[25] Deċiż fl-24 ta' April 2009

not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'"

Illi abbraccjati dawn l-insenjamenti huwa car illi sabiex tinstab htija taht dan l-Artiklu tal-ligi huwa mehtieg li jkun hemm a course of conduct u ma hux bizzejjed illi l-incident illi allegatament qed jikkawza biza' lill-allegat vittma jkun incident wiehed izda jehtieg illi mill-inqas ikun hemm zewg incidenti fejn gie kommess att illi johloq tali biza' lill-allegat vittma.

Dan kollu intqal ukoll fil-kawza **Il-Pulizija vs Simon Peter Grech** ( App. Nru. 45/2023) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' April 2024 per l-Onorevoli Imhallef Edwina Grima:

**'In oltre, il-fatt li seħħew żewġ inċidenti separati, avolja fl-istess ġurnata, li t-tnejn li huma wasslu lill-konjuġi Bonniċi jħossuhom mhedda u beżgħana bl-aġir tal-appellant fil-konfront tagħhom, ċertament li jammontaw għall-"course of conduct" hekk kif ravviżat fil-liġi.**

**Għaldaqstant, l-aggravju mressaq mill-appellant qed ikun respint.'**

Illi fil-kaz in ezami, il-Qorti ma temminx li kien hemm din il-course of conduct fl-incident li sehh fl-24 ta' Jannar 2022, rikjest mil-ligi sabiex tinstab htija dan ghaliex dan kien incident wiehed u ghaldaqstant tqis li ghandha tillibera lill-imputat minn din l-akkuza.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti tirrimarka li fil-kawza **Il-Pulizija vs Josianne Bonello** (App. Nru. 231/2002) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono gie emfazizzat:

**'Il-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom xoghol difficli ferm u dan, kull ma jmur, qed isir aktar difficli, perikoluz u impenjattiv u ghalhekk huma ghandhom kull dritt li jistennew li jkollhom il-protezzjoni tal-ligi u tal-Qrati fl-esekuzzjoni legittima tad-doveri taghhom . Din il-Qorti hija altru milli konxja minn dan'[26].**

Ukoll fil-kawza **il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Youssef Rhouni** (App. Nru. 456/2017) deciza fis-27 ta' Frar 2019 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima intqal:

***'Anzi ghal dak li jirrigwarda ir-reat mahsub fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, il-Qrati taghna dejjem irritenew illi r-reat kommess kontra membri tal-korp tal-pulizija ghandhom jinghataw certa piz u dan ghandu jigi rifless fil-piena kif imposta li generalment tkun wahda karcerarja specjalment meta jkun hemm uzu ta' vjolenza jew resistenza qawwija'.***[27]

Din il-Qorti kif ppreseduta tishaq dwar ir-rispett li ghandhom ikollhom ic-cittadini lejn il-forzi tas-sigurta'. Minghajr dubbju dan ir-rispett ma giex muri kif jixraq mil-imputat li minn fuq li l-pulizija marru biex jghinuh hu

[26] Pagna 5.

[27] Ara ukoll f' dan is-sens **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Rita Zammit** (App. Nru. 477/2017) deciza fil-21 ta' Mejju 2019 per Onr. Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

kien prepotenti maghhom u ma ikkoperax mill-ewwel maghhom. L-ufficjali kellhom kull dritt li jintervjenu meta' semghu l-ghajjat u raw il-persuni agitati. Il-fatt li l-imputat beda jsejjah l-kwistjoni affari familjari ma jfissirx li seta' jgib rugu kif gab, ghalkemm il-Qorti forsi tista' tifhem u tissimpatizza mal-animu li kien jinsab fih ghax hu hassu tradut minn persuni li tant habb. Hu messu kien jaf, anki bhala ex-correctional officer kif imorru l-affarijiet. Missu malli waslu l-ufficjal tal-pulizija ikkalma u mhux ipprova sahansitra jigdmu. Ma jistax lanqas jippretendi li wara li ghamel xenata u beda jhedded u ma jikkoperax l-ufficjali jkunu jafu dwar is-sahha fizika tieghu. L-imputat messu ikkalma u spjegalhom minn x'hiex kien ghaddej, emozjonalment u anki fizikament. Ma jistax issa jippretendi li l-pulizija jaqraw l-imhuh u l-qlub tan-nies!

**Ikkunsidrat:**

Fl-ikkalibrar tal-piena l-Qorti qed tikkunsidra s-segwenti fatturi:

1. Il-fedina penali kwazi netta tal-imputat;
2. Is-serjeta' u l-gravita' tal-imputazzjonijiet li qed jinstab hati taghhom fil-kawza odjerna;
3. L-esekuzzjoni tal-funzjonijiet tal-ufficcjali tal-pulizija sabiex jissalvagwardjaw is-serhan tal-mohh u s-sigurta tal-pubbliku in generali;
4. L-eta' avvanzata tal-imputat;
5. Il-kundizzjoni medika tal-imputat;[28]
6. Il-fatt li l-argument beda bhala wiehed verbali u l-imputat kien iddispjacut bis-sitwazzjoni familjari li zviluppat;
7. L-obbligu tal-Qorti li tipprotegi lill-pubbliku u s-socjeta' in generali;

[28] Folio 80 tal-process.

8. In-nuqqas tal-imputat li jikkollabora mal-pulizija u tal-anqas jiskuza ruhu maghhom ta' ghemilu fuq il-post.

Il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz piena karcerarja effettiva MHIX idoneja. L-imputat bl-ebda mod ma' huwa ta' perikolu ghall-vittmi u ghas-socjeta' in generali.

B'hekk il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-piena tal-multa hija wahda idonea.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 221(1) u 222(1(c), 338(ee), 338(dd), 338(d), 251B, 328, 339(1)(e), 412C, 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **CHARLON PRIVITELLI HATI** tal-akkuzi numru wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5), sebgha (7) u tmienja (8) filwaqt illi issib lill-imputat **CHARLON PRIVITELLI MHUX HATI** tal-akkuza numru sitta (6) u qed tilliberah minn l-imsemmija akkuza u konsegwentament il-Qorti qed tikkundanah ghall-hlas ta' **multa ta' hamest' elef Ewro (€ 5,000)** li ghandhom jithallsu f'perjodu ta' tlett snin mil-lum f'pagamenti mensili konsekuttivi bl-ewwel pagament ghandu jithallas sa l-ahhar ta' Novembru 2024 u tibqa' hekk tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mhux anqas minn mija u tnax il-Ewro (€112) fix-xahar.

Barra minn dan sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' PS 1194 Christopher Debrincat, PC 793 Samuel Muscat, Carmen Pace u Abigail Zammit kif ukoll sabiex jinzamm il-bon ordni flimkien mal-piena qed tobbliga lill-hati b'obbligazzjoni ta' **elf u mitejn Ewro** (€1,200) kull wiehed favur l-imsemmija PS 1194 Christopher Debrincat, PC 793 Samuel Muscat,

Carmen Pace u Abigail Zammit ghal perjodu ta' **tnax-il xahar** mil-lum ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-ordni u obbligazzjoni ma ghandix tigi fis-sehh kemm-il darba l-imputat ikollu il-htiega li jirrikorri ghall-ghajnuna tal-pulzija msemmija fl-istess l-ordni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa ma jonorax l-istess.

(ft) Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.
Magistrat

(ft) Annalise Mifsud
Deputat Registratur.